**Imħallef:-**

## Onor. Vincent DeGaetano LL.D.

Il-Pulizija

*versus*

Joseph Dougall

## Xhud debitament imħarrek

*Biex l-Avukat Ġenerali (jew, skond il-każ, il-kwerelant) ikun jista' jappella f'każijiet fejn ix-xhud tal-prosekuzzjoni ma jidhirx, dan trid jirriżulta mill-atti: bħala minimu li dak ix-xhud kien ġie debitament innotifikat, jew li l-prosekuzzjoni għamlet dak kollu minnha mistenni biex tipprova tinnotifikah. Il-prova li xhud ġie nnotifikat jew li sar tentattiv ta' notifika għandha ssir, bħala regola, permezz tar-riferta.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Esekuttiva kontra Joseph Dougall talli f'Raħal Ġdid, fl-24 ta' Marzu, 1996, għall-ħabta tad-9.00 a.m. (1) għamel lottu klandestin jew ġabar il-flus tal-ġugati fuqu kif jingħad fl-artikolu 12 (1) tal-Kap. 70 jew b'xi mod għen jew ħajjar f'daqshekk bi ksur ta' l-artikolu 12 ta' l-Ordinanza dwar il-Lottu Pubbliku (2) għamilha ta' riċevitur ta' ġugati tal-lottu meta ma kienx awtorizzat għal daqshekk mill-Ministru responsabbli għall-finanzi bi ksur ta' l-artikolu 13 ta' l-imsemmija Ordinanza; (3) biegħ jew offra għall-bejgħ biljetti tal-lottu f'post li ma kienx maħtur għal daqshekk; (4) għamel jew ipprova jagħmel jew b'xi mod kellu x'jaqsam ma' l-għemil ta' xi mħatra magħduda mħatra li

għandha x'taqsam ma' xi logħba, sport jew ġrajja f'Malta jew x'imkien ieħor jew kien preżenti f'post fejn kienet qed issir tali mħatra;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-12 ta' Ġunju, 1996, li biha dik il-Qorti lliberat lill-imsemmi Joseph Dougall mill-imputazzjonijiet kollha;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Ġenerali, minnu ppreżentat fil-25 ta' Ġunju, 1996 li bih l-imsemmi Avukat Ġenerali talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza u li din il-Qorti, wara li tisma' l-provi mill-ġdid issib lil Joseph Dougall ħati u tinfliġġi l-piena skond il-liġi;

Rat l-atti kollha tal-kawża; semgħet lill-Avukat tar-Repubblika Anzjan Dr. Mark Said fl-udjenza tas-17 ta' Frar, 1997; ikkunsidrat:

Dan huwa provvediment dwar l-appellabilita` o meno tas-sentenza tal-Qorti Inferjuri. L-Avukat Ġenerali qed jinvoka in sostenn tad-dritt tiegħu ta' appell, l-artikolu 413 (1) (b) (vi) tal-Kap. 9 u ċjoe` qed jilmenta mill-fatt li skond hu l-pulizija ġew impeduti fil-kawża quddiem il-Qorti Inferjuri milli jġibu xi prova indispensabbli biex issaħħaħ l-akkuża u li skond il-liġi setgħet tinġieb. Kif din il-Qorti rriteniet f'diversi sentenzi, biex l-Avukat Ġenerali (jew, skond il-każ, il-kwerelant) ikun jista' jinvoka dana l-aggravju f'każijiet fejn ix-xhud li tkun trid il-prosekuzzjoni ma jidhirx, irid jirriżulta mill-atti u bħala minimu li dak ix-xhud kien ġie debitament innotifikat (ara *inter alia* **P.** *vs* **Joseph Sharfid**, 12/4/96; **P.** *vs* **Monica Schranz**, (21/2/97, it-tnejn appelli kriminali) jew li l-prosekuzzjoni għamlet dak kollu minnha mistenni biex tipprova tinnotifikah. Il-prova li xhud ġie nnotifikat jew li sar tentattiv ta' notifika għandha ssir, bħala regola, permezz tar-riferta. Fil-każ in diżamina l-appellant

qed jilmenta mill-fatt li quddiem l-Ewwel Qorti l-uffiċjal prosekutur informa lil dik il-Qorti li x-xhud prinċipali tal-prosekuzzjoni - l-Ispettur Tarcisio Pulis - kien bis-*sick leave* u ma setax jattendi għall-udjenza tat-12 ta' Ġunju, 1996. Pero` ma ġiet esebita ebda riferta li kienet turi li dana x-xhud kien ġie regolament innotifikat għal dik l-udjenza jew li sar tentattiv ta' tali notifika. L-Ewwel Qorti, fis-sentenza tagħha, għamlet referenza għall-fatt ukoll li lanqas ma ġie esebit xi "ċertifikat mediku oriġinali"; xhud li jibgħat ċertifikat mediku li minnu jkun jirriżulta li ma jistax jattendi l-Qorti jkun qiegħed jindika b'xi mod lill-Qorti li hu kien jaf li kellu jixhed f'dik l-udjenza (u li allura, presumibbilment, kien regolarment innotifikat) u f'dawk iċ-ċirkostanzi l-Qorti għandha ukoll takkorda differiment. Fil-każ in diżamina la ġiet esebita riferta u anqas ġie prodott xi ċertifikat mediku ta' l-imsemmi xhud Tarcisio Pulis. Ma hemm, għalhekk, ebda indikazzjoni, wisq anqas xi prova, li dana x-xhud kien ġie debitament innotifikat għall-udjenza tat-12 ta' Ġunju, 1996 b'mod għalhekk li l-ilment ta' l-Avukat Ġenerali a bażi ta' l-artikolu 413 (1) (b) (vi) hu infondat;

Għall-motivi premessi, tiċħad l-appell ta' l-Avukat Ġenerali u tikkonferma s-sentenza appellata.

---